# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 1486/00/SM**

**Carmel Mizzi**

**vs**

**Stephen Montanaro**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-istanti s-somma ta' tmien mija u tlieta u sebghin lira u seba u erbghin centezmi (LM873.47,0) jew somma verjuri, danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fit-28 ta' Mejju 2000 fil-Coach Parking Area tal-Malta International Airport bejn il-vettura**

**GAM 496 tal-istanti u x-xarabank numru ACY 958 misjuqa minnu;**

**2. Prevja d-dikjarazzjoni li hu kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**3. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi LM34.50 ta' spejjez legali maghmula mill-attur u dawk tal-ittra ufficcjali presentata llum stess kontra l-assikuraturi ta' Stephen Montanaro, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat s-7 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-ewwel lok it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident meritu tal-kontestazzjoni m'huwiex attribwibbli lill-eccipjenti;**

**2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess id-danni pretizi mill-attur huma ferm ezagerati u ghaldaqstant qed jigu kkontestati;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat is-sottomissjonijiet skritti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident meritu ta' din il-procedura sehh fl-area rizervata ghall-parkegg ta' xarabankijiet fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fit-28 ta' Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tad-9.15 a.m.;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu wahda tal-marka Cummins misjuqa mill-konvenut Stephen Montanaro u iggib in-numru ta' registrazzjoni ACY-958 u l-ohra tal-marka Ford Transit misjuqa mill-attur Carmel Mizzi u iggib in-numru ta' registrazzjoni GAM-496;**

**3. Illi jirrizulta li z-zewg vetturi involuti f'dan l-incident kienu regolarment ipparkeggjati fl-area appozitament rizervata ghalihom u meta gew biex johorgu bir-"reverse", habtu ma xulxin nonostante li hadu l-prekawzjonijiet dovuti;**

**4. Illi d-danni sofferti mill-attur Carmel Mizzi jammontaw ghas-somma minnu ndikata fl-avviz odjern;**

**5. Illi stante li baqa' mhux risarcit l-attur intavola l-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li d-dinamika ta' l-incident de quo fi spazju ristrett u li fih il-partijiet huma imdorrijin jahdmu hi wahda li turi nuqqas ta' prudenza fis-sewqan da parti taz-zewg konducenti involuti;**

**Illi ghandu jkun pacifiku li bi ftit aktar attenzjoni l-incident in dizamina kien jigi evitat ghal kollox;**

**Illi fil-fehema ta' din il-qorti z-zewg konducenti involuti huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess tiddeciedi illi:**

**1. Tiddikjara lill-attur Carmel Mizzi u lill-konvenut Stephen Montanaro ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tmin mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u seba' u erbghin centezmu, (LM873.47,0);**

**3. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut Stephen Montanaro ihallas biss lill-attur Carmel Mizzi l-ammont ta’ erba’ mija sitta u tletin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (LM436.73,0), bl-imghaxijiet legali dovuti fuq dan l-ammont hekk likwidat mid-data ta’ l-ittra ufficcjali, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**